

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġeneral i jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2015 li tiċħad il-proposta tar-riktorrenti bħala risposta għas-sejħa għal proposti fil-kuntest tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni C(2014)1921 finali, tas-26 ta' Marzu 2014, li tistabbilixxi l-Programm ta' Ħidma Pluriennali tal-2014 għal ghajjnuna finanzjarja fil-qasam tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;
- tordna lill-Kummissjoni tieħu deċiżjoni oħra fir-rigward tal-proposta tar-riktorrenti, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza tal-Qorti Ġeneral, fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza;
- tordna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-riktorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni

- L-evalwazzjoni tal-proposta tar-riktorrenti hija żbaljata għal dak li jirrigwarda l-kriterji ta' għoti dwar ir-rilevanza, l-impatt u l-kwalità. Kieku saret evalwazzjoni xierqa fid-dawl ta' dawk il-kriterji, il-proposta kellha tintgħażel għall-kofinanzjament tal-UE.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

- Il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fid-deċiżjoni kkontestata peress li ma għażlitx il-proposta tar-riktorrenti, filwaqt li għaż-żejt proposti oħra simili relatati mat-teknoloġija għat-tnejja tħalli.

Rikors ippreżzentat fit-28 ta' Settembru 2015 – Excalibur City vs UASI – Ferrero (MERLIN'S KINDERWELT)

(Kawża T-565/15)

(2015/C 398/80)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Excalibur City s.r.o. (Znojmo, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: E. Engin-Deniz, avukat)

Konvenut: L-Ufficiċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Ferrero SpA (Alba, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant tat-trade mark ikkонтestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkонтestata kkonċernata: it-trade mark Komunitarja verbali "MERLIN'S KINDERWELT" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 201 969

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Lulju 2015, fil-Każ R 1538/2014-1

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2015 – Excalibur City vs UASI – Ferrero
(MERLIN'S KINDERWELT)**

(Kawża T-566/15)

(2015/C 398/81)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Excalibur City s.r.o. (Znojmo, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: E. Engin-Deniz, avukat)

Konvenut: L-Uffċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Ferrero SpA (Alba, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant tat-trade mark ikkонтestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkонтestata kkonċernata: trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "MERLIN'S KINDERWELT" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 202 066